# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, il 11 TA MARZU, 1913. NRU. 57.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Infaccru

lill Karrejja taghna li, chif aħna miftiehmin bejnietna, il ĦABIB, fil *Gimgha il Cbira,* ma ghandux joħroġ. Mela, ŭara id-dehra ta 'llum, ma narġghux naraŭ irŭieħna kabel il pitghada tal Ghid, li nixtiekuħ b'kalbna collha ta gid ghar-ruħ u ghall gisem lill ħbieb u lill'eghdeŭŭa.

ID-DIREZZJONI.

## Ix-Xebbiet.

Inħallu ghal darb'oħra dac li chellna nghidu illum fuk it-tkankil tal *Cummerċ,* biex ingibu bil Malti dan l'articlu li krajna fil *Corriere di Sicilia,* ghax tas-seŭ li daħlilna f'kalbna. Id-dinja collha leŭn ŭieħed—ghedna il gimgha li ghaddiet fuk il *Gażetti*; u issa taraŭ li nistghu narġghu nghiduħ fuk ix-*Xebbiet.*

Dan l'articlu, li minnu sejjrin nieħdu il kalba biss, ghax tŭil ghalina, chitbitu *Sinjura* mill'actar gholjin fil gidd u fit-taghlim, ghad li ma tidherx ħlief bl'isem ta *Noêmi*: u aħna ma nżidu xejn mieghu—xejn, inkas chelma minn żniedna: nitolbu biss ix-*Xebbiet taghna,* seŭŭa daŭc li huma ulied il *puliti* u seŭŭa daŭc li huma ulied *in-nies tas-snajja,* jixtarruħ tajjeb.

«*Fi żmienna*—ghadhom ighidu in-nanniet taghna u ħalluni nghid maħħom jena ucoll—*fi żmienna, il moda tax-Xebbiet ma chellha x'taksam xejn mal moda tal Ommijet.*

«Fit-tifsil tal ħŭejjeġ, chienu jixbħu xi ftit lil xulxin: imma fil ghażla tad-drappijet, fiż-żîna taħħom u l'actar imbghad fil leŭnijet ma chienu jakblu xejn.

«Dari, ix-Xebbiet chienu jilbsu ħŭejjeġ tas-suf, tat-tajjar, tal ghażel, l'akŭa tas-*sarġ*: u katt ma chienu jieħdu il ŭiċċ joħorġu bil ħarir, bis-satin u bil bellus. Mita, mbaghd, ŭaħda f'mija, chienet tissogra taghmel ġlecc tal ħarir, chienet taghżel b'rekka cbira leŭn mill'actar mitfi. U bil lejl, seŭŭa it-teatru u seŭŭa f'lakghat oħra, dejjem bl'abjad, bl'abjad biss, u dejjem b'libsa lixxa, maghluka, bla ŭard u xejxi oħra. Fuk collox, tarġa, ix-Xebbiet, ma tûl il lakghat ta xitŭa sħiħa, chienu jidhru dejjem b'li stess libsa bajda, li actarx chienet tisŭa ghal żeŭġ xtieŭi ucoll, minghajr ebda tbiddil fiha: u it-tifsila chienet tcun ŭaħda ghax-xebbiet collha: anzi, din chienet ix-xeŭka cbira taħħom, li jidhru il-coll xorta.

«Ebda Xebba ma chienet tieħu il lâla li tidher kuddiem in-nies bil *môda tal Ommijet,* la fil cappell, la fil libsa u inkas fil *capott*: imma collox lixx, collox leŭn li ma ighajjatx, collox mistur u ħafif mill'actar.

«Iżda, minn ftit snin il-haŭn, din id-draŭŭa sabiħa bdiet tmur l'ura u issa nistghu nghidu u ghabet ghal collox.

«Illum l'Omm u ix-Xebbiet taħħa jilbsu xorta ŭaħda: u mita tara tlieta minnhom ghaddejjin flimchien, bejn l'ŭċuħ sfieħ tax-Xebbiet u bejn il frugha żejjda tal Omm, ma taghrafhomx actar minn xulxin.

«Ghax l'aghrucaża tal lbies tigi mil gharucaża tal imgiba! Dari l'Ommijiet chienu jatu esempju cbir lill'uliedhom u kuddiemhom ma chienux ighidu chelma jeŭ jatu ħarsa żejjda: imma illum, mita l'Omm ta ħafna tfal *jidhrilha li ma ghandha tixieħ katt,* u taghmel il frenża barranija, u tiżboħ ŭiċċha, u toħroġ dirghajha micxufa u riġlejha barra, b'calzetti tal-colur u scarpini mkaċċtin, li chemm chemm ma jistmerruhomx il Canzunettisti, Bintha x'ghandha taghmel?! Imorru mar-riħ dic is-satra u dic il mistħija, li huma l'acbar ġmiel tax-Xebba: u chif tidra iġgerri ghajnejha fuk collox, u tħuf mat-torok ŭeħidha u tiżżemmel fil mixi u f'ghamilha, biex taparsi *educata* u *spiritusa,* jibda ucoll il lbies *sfaċċat,* biex ma nghidx ħaġ'oħra.

«—Min hi dic is-*Sinjurina?*— jibdeŭ jistaksu lil xulxin ir-rgiel li jaraŭha ghaddejja. U jinkala ŭieħed minn taħt ir-riħ, li, bid-daħca f'fommu, iŭiegibhom:—*Sinjurina moderna!*

«Dic tcun is-sentenza taħħa: bosta drabi *sentenza tal meŭt*! Oħ, chemm ħŭejjeġ coroħ tfisser dic il chelma: *Moderna.* Ghax jecc ix-Xebbiet jidhrilhom li, bit-tisfik tal lbies u tal imgiba taħħom, sejjrin isibu actar xortihom, jarralhom bil bosta! Min ghandu il ghakal jibża minnhom u ma iħaresx lejhom ħlief biex jidħac bihom!

«Ma nghidx li ma haŭnx ucoll it-tfal tajjba—daŭc li ghandhom il kies f'ilbieshom u il galbu f'ghamilhom: imma l'imżemmla ighadduhom bi *grixtin,* b'*bażocchi* u b'*faċċoli*!

«Il cbira hi li il marda xterdet: saret imxija: u minn fuk l'*imsejjħin puliti* niżlet fuk il modisti u il ħajjata, fuk il ħaddiema tal ħŭienet u fuk ulied in-nies tas-snajja, saħansitra fuk is-sefturi, li, ghalavolja taħt il ghonnella, tarahom liebsin imkaċċat, b'leŭnijet ighajjtu u b'riġlejhom fuk l'aħħar môda... tas-*Sinjurini.*

«Imma jena daŭn ix-Xebbiet, gholjin u baxxi, inħenn collha ghalihom u naghdirhom: ghadhom żghażaħ, ghadu moħħom fuk il ŭerka u ma jintebħux chemm deni jaghmlu lilhom infushom: ma naghdirx l'Ommijet, li huma il ħâtja, kuddiem Alla u kuddiem ir-rgiel bil-ghakal, ta din il ħsara collha.»

## Indulgenzi tal Cungress.

L'*Osservatore Romano,* li hu il gażetta tal Vatican, igib fil ħarġa ta nhar l'erbgha li ghaddeŭ:

«Ghall festa tal Cungress ta Malta, li jibda fit-23 t'april, fil belt Valletta, taħt il presidenza tal Eminentissimu Cardinal Ferrata bħala *Legat Pontificju,* l'Imkaddes Papa ghoġbu jati *Indulgenza Plenarja* lill'insara tad-dinja collha li fil ħadd tas-27 t'april jaghmlu Tkarbina, fil ŭakt li jinaghkdu bil ħsieb taħħom ma daŭc li Malta icunu kieghdin

jieħdu sehem fil cbira processjoni tas-Sagrament.

«Tà ucoll *Indulgenza Plenarja* lill Cungressisti collha ta Malta li, f'ùaħda mil ġranet tal Cungress, imkarrin u imkarbnin, iżuru Cnisja jeù Oratorju, fejn jitolbu scond li fehma tal Papa.

«U tà, fl'aħħar nett, *Indulgenza Plenarja* oħra lil daùc collha li imorru ghall Kuddiesa Pontificali li ikaddes il Cardinal Legat u jieħdu il *Barca Papali* minnu.

«Barra minn daùn, tà *Indulgenza ta sebà' snin u sebà' qùarantini* lill Cungressisti li jinvistaù is-Sagrament f'ùaħda mil Cnejjes miftuħin fil belt Valletta.»

## Lis-Sultana tal Moghdrija.

Aħna mdorrijin naghmlu xi nitfa ta poeżija ghall festa tal Madonna tad-Doluri, dakka banda u dakka oħra: imma din is-sena ma chellniex żmien ghaliha. Jaħtieġ, mela, li il Karrejja taghna jitkanneù b'din, li conna ctibniha ilu sentejn u dehret f'gażetta oħra, ghax nixtieku ma nonksux minn din il kima taghna ghax-Xbejba ta bla tebgha. Ma-dan-collu, fejn dehret l'eùùel darba din il poeżija naħsbu li ftit kraùha mill'Imsieħbin tal *Habib* u tal *Unjoni Cattolica*, li ghalihom sejjrin noħorġuha.

*...Più che alla gloria, a' suoi dolor, divino*
*Lo conoscesti...*
Tommaseo—*Virgo patientissima.*

Imbierca, chemm emmint! Ma rajtx fix-xmara
nieżla 'l ħamiema mis-Smeùùiet ghal fuku!
Ma smajtx jidùi fil Gholja 'l leħen t'Alla:
*Dan l'Iben ghażiż tieghi, cliemu tuku,*
chif surtu 'nbidlet f'daùl ta xemx kaùùija
u dehru fl'ajru ħdejħ Mosè u Elija!

U, fl'aħħar lejl, mita tà 'l ħobż imbierec
u kâl: *Culu, dan gismi,* ma contx mieghu!
U inkas fil ġnien, xħin kam mil meùt ghall ħajja,
ma messec tara l'eùùel dehra tieghu!
Mhux Lilec staksa: *Ghax int imbicchija?*;
mhux Lilec, f'dac il hemm, sejjaħ: *Marija!*

Gesù chien ùira-ruħu bosta drabi
mal ħbieb u mal ghedeùùa Bniedem-Alla:
iżda katt Mieghec: ghall bierdin fil fidi
is-sebħ tal cobor tieghu dejjem ħalla.
Gharaft, mela, Min chien, ċchejchen u cbir,
fil fakar, fit-tbatija u fit-tcasbir....

Int, o Żaghżuħ, li, ħiemed kalb in-nichet,
ma 'rħejthom katt u collox rajt b'ghajnejc;
u mindu kallec Hu: *Ara, din ommoc,*
Lilha ma tlakthiex actar minn idejc;
int li drist kalbec bit-tferfir ta kalbha,
ghidilna f'dac il jum x'chien cliemha u talbha!

Le: inkas int, li dħalt Ùerriet ta Binha
u, barra Minnu, ħadd ma ħabbha daksec;
ghad li, biex tista tcun il ħares taħħa,
il gilju tal indafa katt ma naksec,
inkas int, bi kdusitec, ma taf seùùa
ta dic il Kalb il ghali cbir u id-dneùùa...

Is-sliem ghalic, Marija! Chemm ħabbejtna!
U chemm ghadirtna! U chemm batejt ghalina!
Mhux biss il ħasra taż-Żaghżuħ bla tebgha
ħassejt tinfidlec kalbec bħal sicchina,
imma l'indiema ucoll tal Madaliena
u is-soghba tal Ħalliel giebulec ħniena!

Is-sliem ghalic, Marija! Dur lejn Ibnec
u itlob ghall chiefra li, bil kerk f'sidirhom,
jiċħduħ bħall Lhud u Ismu iżebilħu! Ghidlu:
*X'in huma jaghmlu ma jafux, aghdirhom!*
Inti trid tcun, Sultana tal Moghdrija:
itlob ghall bniedmin collha, itlob ghalija.

G. Muscat-Azzopardi.

## Ma dûar il Għżira.

Nixtieku ùisk li naraù ùiċċ-imb'-ùiċċ is-Sur G. Z., tal Ħamrun: ghal żeùġ ħùejjeġ: il ùaħda, ghax, milli nistghu nifhmu, ħa ħażin il cliem taghna u ma rriduħx jibka mghaddab ghal-xejn; l'oħra, ghax ghandna id-dmir li nicxfu chif giet din it-taħùida fil prezzijet tad-*Dâdi tal Brodu Maggi.*

—Il ħefa! Cull-ħadd ighid li Malta haùn nies ùisk ħafjin u fil *Cungress Eùcaristicu* sejjrin natu bihom ghajn ħażina! Aħna diġà ghedna darb'oħra li nixtieku ma jidherx ragel ħafi geùùa il Belt, f'daùc il ġranet: u illum inżidu li din il ħaġa jistghu jaħdmu ghaliha ùisk il Cappillani. Ghad li bosta, irgiel u nisa, jiġu haùn il Belt ħafjin, ftit huma daùc l'imceùlħin ghal-collox li ma ghandhomx żarbun: u, fil festa ta pajjiżhom, jeù mita jaghmlu il Precett, jeù f'xi ħaġa cbira hecc ghalihom, tarahom, ħażin jeù tajjeb, collha biħ. Mela, m'hemmx bżonn ħlief li ùieħed iùiddibhom seùùa chif ghandhom jidhru f'daùc il ġranet, li huma ùisk akùa mil festi ta dac u ta dan ir-raħal, ghax huma il festa ta Malta collha: u dan, bla dubju xejn, jistghu jaghmluħ tajjeb il Cappillani, li dejjem u f'collox ureù-ruħhom Patrijotti. Daùc, imbaghd, li ma ghandhomx inkas kork x'jilbsu, jixrak li jitkanklu x'irùieħ tajjba ghalihom!

—L'ittra li gietna mil Canada, ghad li ùeghdniha lill Karrejja taghna u tinsab mimlija b'tifħir u kima ghall *Habib*, ghamilna f'rasna li ma nxandruhiex. Il ħsieb tas-Sur *James L. Bonnici*, li iùakkaf *Xirca cbira* bejn il Maltin collha li jinsabu imxerrdin ma cull naħa tad-dinja, biex cull-ħadd jati xi ħaġa żghira tal flus u hecc tinġabar chemxa ħoxna (ghax *bil ktajra il ktajra, tintila il ġrajra*, ighid il Malti) ghall ghajnuna tal Maltin li jinsabu haùn kieghda u iridu isiefru għax-xoghol, bla dubju xejn hu ħsieb sabiħ, ħsieb ghażiż, ħsieb li juri chemm is-Sur Bonnici, f'dac il bghid collu u ùara tant snin li ilu niekes minn haùn, baka iħobb din il Għżira: u aħna, la ghandu dic il fidi collha fil *Habib* u fina, nghinuħ dejjem chemm nistghu. Imma l'ittra tieghu ma noħorġuhiex, ghax naktghu minnha bla sensja ma jidhrilniex li hu seùùa—u, mita gejna biex nakalbuha mill'Ingliż ghall Malti, sibna li fiha xi ħsiebijet fuk il Cleru li ma jakblu xejn ma taghna. Dnub, ja ħasra! Ghax, mil bkija, tisùa mitkilha deheb.

—Daùn il ġranet, jecc mhux illum stess jeù ghada, joħroġ il *Programm tal Cungress Eùcaristicu*, li cull-ħadd kieghed jistenna bi ħrara cbira.

—Niżżu-ħajr lill Cummendatur Fonsu Galea, ħabib ghażiż taghna, taż-żeùġ cotba li ghoġbu jibghatilna: *Strina tal Propagazioni tal Fidi* u *Abd-Allah Ghaxrif* (dan tal aħħar xoghol tal Canôncu ta Ghaùdex Monsinjur Ùigi Vella, D.D., ùieħed mill'aħjar Chittieba tal Malti). M'hemmx bżonn narġghu ntennu chemm huma ghal kalbna il cotba tal *Moghdija taż-żmien* u chemm nixtieku naraùhom f'idejn cull-ħadd, biex inissu daùc il kżieżijet ta *Rumanzi* li haùn jiġru mas-sakajn, bi ħsara cbira ta cull-min isaħħan rasu fukhom, imma l'actar tat-tfal u tax-xbejbiet. Il Cummendatur Galea u Monsinjur Vella, li huma żeùġ ghorrief u jistghu jictbu tajjeb bit-Taljan u b'ilsna oħra, bħalma chitbu u ħarġu dejjem imfaħħrin, ma jitmeżemżux mil Malti, ghax jafuħ tas-seù u ma jiċħdux il ħalib ommhom! Nifirħulhom it-tnejn.

—Ùieħed mil Karrejja taghna baghat jistaksina jecc il Maltin icunux jistghu jixtru it-*Tessera* tal Cungress bħall Barranin. Ghala le?...It-*Tessera* tcun tkum *tmin xelini* (*ghaxar franchi*), chif chienet tinbieħ fil Cungressi l'oħra: u min jixtriha jieħu maħħa, b'li stess tmin xelini, il *Medalja* li biha jigi maghruf bħala *Cungressista* u *Gùida ta Malta*, jeù bit-Taljan, jeù bl'Ingliż, jeù bil Franciż, chif joghġbu. Din il *Gùida* giet maghmula ghal tal apposta: u fiha cullma isir fil Cungress u cullma haùn x'târa Malta u Ghaùdex: fost il ħùejjeġ l'oħra, fiha ħmistax il ritratt, li sebgha minnhom huma: tal Papa, tal Cardinal Ferrata, ta Monsinjur Heylen, tal Gvernatur, tal Arci-Iskof taghna u tal Iskfijet Camilleri u Portelli. Tcun lesta din il gimgha. Is-*Segretarji tal Cungress* huma: Monsinjur Gaùci, Monsinjur Camilleri, ir-Reverendu Dun Ġùann Gaùci, l'Avucat Aùgustu Bartolu, il Cavalier Paùlu Farrugia u id-Direttur tal *Habib*.

—Inroddu il ħajr lid-Direttur tal *Juventutis Domus*, li ghoġbu jistedinna ghall *Lettura* bl'Ingliż li ghamel *fuk Venezja*, nhar il ħadd li ghadda, fil 5 ta fil ghaxija, il Professur Daniel Fallon. Ma stajniex immorru: imma nistghu nobsru xi ġmiel ta *Lettura* chienet, ghax nafu x'irodd il Professur Fallon.

—Nhar Sibt-il-Ghid, fit-8 ta bil-lejl, taħt il Patrocinju tal Arci-Iskof taghna, sejjer isir fit-teatru Rjal ùiri ta *Qùadri Animati* meħudin mix-xoghlijet tal akùa Mghallmin, bħalma huma iċ-*Cena tal Appostli, Gesù mdaùùar bit-tfal,* il *Martirju ta Santa Catarina* u bosta oħrajn; u icun hemm ucoll *Mużica Sagra* (cant u dakk) ta Rossini, ta Verdi, ta Mascagni u ta Mghallmin oħra cbar tas-seù. *Il Kassisin jistghu imorru* u innies jidħlu bil lbies ta barra it-triek, imma in-nisa jinsabu mitlubin li ma imorrux bi cpiepel cbar, biex ma ighattux il min icun ùarajhom. Mit-tlieta ùaħda tal klieħ tmur ghax-*Xirca ta San Vicenz di Paùla* tal Belt. Il ħlas minn *sitt soldi* il fuk, sa lira (il palchi).—*Qùadri Animati* jigifieri li nies, liebsin bħax-xbeħiet li jidhru f'xoghol ta Pittur, jieħdu il kaghdiet ta daùc ix-xbeħiet u juru dac ix-xoghol donnu ħajj.

## Ma dûar id-dinja.

*Turchija*—Nistghu nghidu li il gùerra bejnha u bejn il Balcani spiċċat, ghax il ftehim ghoddu lest. Il Bulgari, difatti, iccontentaù bil pattijet tal Paci li ghamlu il Potenzi il Cbar ghalihom u għat-Turchija, imma iridu il ħlas tal ħsara, jeù, biex nghidu aħjar, tan-nefka tal gùerra.

Il Potenzi, chif jinghad, ma humiex tal fehma li ghandhom jitħallsu daùn il ħsarat tal gùerra: anzi jidhrilhom li, biex il Balcani iżommu l'artijet li rebħu s'issa, ghandhom jeħilsu it-Turchija minn nofs id-*Dejn Pubblicu* (jigifieri it-*Titoli*) li ghandha. Jecc dan jirnexxi—u la iriduħ il Potenzi il Cbar, actarx jirnexxi, ghax id-dinja taħħom — it-Turchija, fil ghâna, tigi aħjar milli chienet kabel il gùerra.

*Inghilterra*—Ùaslu aħbarijet minn Costantinopoli li il vapur *Calvados* gherek fil baħar ta Marmora, ghax il Bulgari keghdu ħafna *mini* minn Sellari sa Cumbalja — u dac il vapur jaħsbu li ħabat ma ùaħda minnhom.

*Germanja*—Mal lejl ta bejn l'erbgha u il ħamsa tax-xahar—chif jictbu minn Berlinu—gherket f'Heligoland it-turpidiniera tedesca *Numru 178*, ghax ħabtet ma bastiment li bakghu ma gharfuħx. Ghad ma jafux chemm hemm nies mgharrkin: imma jaħsbu li hemm minn 50 sa 60: tmintax mill'Equipaġġ salvaù sgur.

*Italja*—Ùasal Napli il vapur *Groben*, gejj miċ-Cina: u fuku giè Patri Tonin, Frangiscan tal Osservanti, b'erba' Missjunari oħra

mieghu. Chienu ilhom ħames snin Sau-Yang, fejn chellhom *Dar cattolica ghall ltiema* f'idejhom b'mitejn tifel mghammdin collha minnhom. Daŭn il Patrijet kalu li, mindu fiċ-Cina tŭakkfet ir-Republica, l'insara u cullħadd kieghed ighix bi qŭietu.

*Tripli*—Fil ħamsa tax-xahar, giè maghluk ghal-collox l'Uffizzju franciż tal Posta.

## Minn haûn u minn hinn.

L'Arc-Iskof Dr. Von Hartmann, li giè magħżul Cardinal ghall Germanja, fil belt ta Colonja, ħa il gjurament tal alleanza lejn l'Imperatur, fis-sala tal Cavalieri, fil Castell Reali.

** Il cumpanija *Furness Playfair* sejjra taghmel lînja dritta ta ferrovija u vapuri minn Liverpool (Inghilterra) ghall Port Arthur u Fort William. (Canada).

** Il Cardinal Respighi, Vigarju tal Papa, bierec id-dormitorju il ġdid ta *San Giusepp*, Ruma, li jasa erba' mit sodda, taħt il cura tas-Sorijet.

** Cull naħa tal Equatur (li jaksam iddinja f'żeŭġ bicciet daks inseŭ) hemm circu (immaginarju). Ta fuk, jissejjaħ it-*Tropicu ta Cancru*; ta taħt, it-*Tropicu ta Capricornu*.

** Ftit ilu intkajt ma ġuvni ta xi ħmistax il sena b'tifel ħdejħ ta xi ħames snin. Il ġuvni chien kieghed jieħu gost billi iġaghal iż-żghir jitchellem ħażin. Fejn usalna!

** Gżejjer tas-silġ jinkatghu min-naħa tal Baħar-Articu u Antarticu. Daŭn jiġu immexxija mil currenti li jimpedixxu il passaġġ tal vapuri. It-Titanic chien ħabat ma ŭaħda u gherek: ghal dakstant il Camra tal Cummerċ u il proprietarji tal vapuri armaŭ in-*Nova Scotia*, b'telegrafu minghajr fili, biex tghasses lil daŭn il gżejjer.

** F'Dublinu, belt tal Irlanda, nazzjon cattolica, saret il lakgha tal membri tas-Società contra il kari-ħażin u il gażetti ħżiena. Ħafna mil librari ŭeghdu li ma ixerrdux cartolini, cotba u gażetti oxxeni. Il Major u ħafna Membri oħra tal Parlament chienu presenti.

** Xiħ:—Kieghed insum: biscuttell u cafè isŭed biss nieħu filghodu.

Ġuvni:— Seŭŭa, seŭŭa, biex iżommloc xaghrec u il mustaċċi siŭed.

** In-nisa tal Indja sejjrin jippresentaŭ indirizz ġeŭŭa bacil tal fidda lill Lady Hardinge, il mara tal Vicirè li chien giè ferut.

** L'America sâbu li 62 tifel minn cull mija li jakghu fil ħtijet huma daŭc li ommijethom joħorġuhom mil li scola u jibaghtuhom ghax-xoghol kabel il ħin.

** Il Milord Roberts, li chien il General ingliż fil gŭerra contra il Boeri, kieghed idur il bliet tal Inghilterra u jippriedca *il leva* (jigifieri li, mal 20 sena, *cull ħadd* ghandu jaghmel tant snin suldat, barra mill'immancati u x'naf jen).

** Il bliet tan-Nazzjonijet tal Eŭropa huma:—tal Inghilterra, Londra; ta Franza, Parigi; ta Spanja, Madrid; tal Portugall, Lisbona; tan-Norvegja, Cristianija; ta Svezja, Stocolma; tad-Danimarca, Copenhagen; tan-Nederlanda, Amsterdam; tal Belgju, Brussell; tal Germanja, Berlin; ta li Svizzera, Berna; tal Italja, Ruma; ta Skallija, Palermu; tar-Russja, Pietroburgu; tal Aŭstrja,-Ungarica, Vienna; tar-Rumanija, Bucarest; tas-Serbja, Belgradu; tal Montenegru, Cettinje; tal Bulgarja, Sofija; tal Grecja, Ateni; tat-Turchija, Constantinopoli.

** Id-Duca u id-Duchissa ta Connaught, li chienu dâmu ħafna haŭn Malta, sejjrin iitilku mil Canada ghall'Inghilterra.

** Fis-Sud tal Aŭstralja, raŭ cometa ġdida fil 31 ta Dicembru u fid-9 ta Jannar li ghaddeŭ.

A. A.

## Draûûiet taghna.

# Hamis ix-Xirca

## u il Gimgha il Cbira.

Daŭn il jumejn tal Gimgha il Cbira—tmiem ir-Randan mkaddes—huma ġranet ta kima l'iżjed ghażiża, tal akŭa ġabra tal moħħ, chif ucoll ta sŭied il kalb ghall Maltin collha; u fihom, ŭakt li is-saŭm iħarsuħ actar b'ghożża cbira, tintghamel it-tifchira ta mita il Lhud sallbu il Cristu fuk is-Salib.

Il Cnejjes jicsuhom bl'isŭed, l'artali iżarmaŭhom, id-dakk tal kniepel jiekaf ghall collox u fuk l'ibliet u ir-rħula taghna jaka viżtu cbir.

Cullħadd, liebes l'isŭed u chif jixrak, iħabrec ghall Cnisja u isisti minn ta kuddiem, biex jitghaxxak u iħenni kalbu b'dac il ġmiel ta funzjonijet gheżież li isiru f'daŭn il jumejn (l'actar, imbghad, ġo San Ġŭann u il Catidral).

Nhar Ħamis iċ-Circa, ibda mis-siegha ta b'inhar u spiċċa armajn krìb nofs il-lejl, l'ibliet, l'Imdina, ir-Rabat, tas-Sliema u ir-rħula il cbar, dic ix-xena li tara fihom ticsirlec kalbec u iġġghalec tibchi mkar ma tridx!

Mijiet ta ħlejjak — mill cbir saż-żghir, nisa u rgiel, ghonja u fkajrin, ħaddiema is-snajja u nies ghorrief tal pinna—tilmaħhom ktajja ktajja miġburin f'ix-xejn minn taħħom u b'ghakalhom collu iżuru il Cnejjes, ŭakt li b'leħen gholi itennu it-talb ma tulec ja triek, bla ma jeħdeŭ.

Xi nghidu, imbghad, ghall nhar il Gimgha il Cbira? Cullħadd ibattal mix-xoghol; ma jaħdem ħadd; sa l'Ufficini tal Gvern maghlukin; tal ħŭienet, bieba ŭaħda maghluka; u il bandiera mtellgha sa nofs l'arblu fuk l'ibliet u fuk is-sŭar, chif ucoll abbord tal bastimenti ma cullimchien.

Ghall ħâbta tal ghabèx, ŭara il priedca tat-Tliet Sieghat, il Belt, Bormla, il Birgu, l'Isla, ir-Rabat, u l'akŭa rħula (bħalma huma Ħal-Kormi, iż-Żeitun, Ħaż-Żebbuġ) jintleŭ bin-nies tûl it-triek miż-żeŭġ bnadi, biex jaraŭ il processjoni bil vari u il fratelli mghammdin.

Inħabircu chemm nistghu sabiex bl'imgiba tajjba taghna fil funzjonijet—seŭ ta ġeŭŭa chemm ta barra—inżidu u incattru dejjem il gieħ tal Cnisja mkaddsa, ŭisk iżjed mita nafu li daŭc li ma jakblux maghna fir-Religjon, xi dakkiet ikisuna ħafna b'xibirhom bla ma nintebħu!!

## Sibt-il-Ghid.

Malli il Kassis minn fuk l'artal isamma leħnu b'daŭc il chelmiet *Gloria in excelsis Deo*, l'incŭatri, filli mghottijin, u filli jicxfuhom f'ħin ŭieħed; il Cnisja filli dlâm ċappa u filli daŭl chemm trid, il kniepel cbar u żghar ilcoll flimchien idokku bl'isbaħ hena, ħaġa ghażiża ta cull sèna, li fiha biex ŭieħed tabilħakk jitghaxxak.

F'ŭiċċ cullħadd, jiddi mil ġdid il ferħ: ma tismax ħlief nies jatu u iroddu bil kalb lil xulxin: «*il Ghid it-tajjeb.*»

Il Belt, il Birgu u ir-Rabat, nhar sibt il Ghid, icun fihom ghors il ġmiel tieghu. Ma inżul ix-xemx appìc, tnejn jeŭ tliet irgiel, ŭieħed bit-tambur u l'oħrajn bil fifri, joħorġu iduru mat-triekât idokku u itambru addoċċ: ktajja ta nies ŭrajjhom, u fosthom gheġŭegija subien, ghadhom żinżilli, joghleŭ u jakbżu bħal ghafiered; u ŭakt li cullħadd ighajjat ghajjât ta ferħ, erħilhom jintefghu u jinbuttaŭ fuk xulxin bla ebda fehma li iridu jeŭŭilla jaghmlu ħsara jeŭ iŭeġġghu lil dac li icun. (*)

Dun Giużepp Farrugia, *Cappillan.*

# Chitbulna:—

I.

Il ħamis, 22 ta Frar, 1913.
Minn Ghaŭdex.

Sur Cavalier,

Sejjer nitchellem a nom ta ħafna ġovnotti baħrin (Maltin u Ghaŭdxin), biex jecc jogħġboc iġġighel lil xi chittieb malti jitħaddet ftit fuk id-*Dreadnoughts*, li kieghda tibni l'India lill'Inghilterra. U hecc per mezz tal cliem tal ġiurnal tieghec issir xi talba kuddiem il Ministru u hecc forsi jaghmlu ŭaħda mid-*Dreadnoughts* bil baħrin maltin, li huma capaci u stoncusi daks tal akŭa nazzjonijet ghall baħar, bħalma gharfithom Franza. Mentri Franza fil Colonia taħħa, l'Argiel, tfittixhom daks li stess uliedha, chif rajna b'ghajnejna stess, fl'aħħar migja tar-Re haŭn Malta, li tliet bastimenti francisi chellhom baħrin maltin mal elf ruħ fukhom.

Mela, l'Inghilterra, bħala Colonia li kieghda taħt il Bandiera taħħa, imissha takbèż ghall Malta, chif jaghmlu Nazzjonijet oħra fil Colonji taħħom.

Natic ismi ghas-sadisfazzjon tieghec, imma nitolboc ma 'xxandrux ghal collox; biżżejjed l'inizjali tieghi—u niżżic-ħajr jecc ticcorrigili xi żball.

Is-Sojcu
G. Z.

II.

Nhar il ħadd li ghadda, tnejn ta Marzu, il Cnisja ta ħ'Attard kalghet opra sabiħa ŭisk, vara ġdida tal Patriarca San Ġusepp. Dina il vara giet maħduma mil li Mghallem Ġużè Cilia minn ħal Kormi, iżda jaħdem il Ħamrun, li jixbaħ fix-xoghol ta li statŭi l'imfaħħar Sur Carlozzu Darmanin, Mghallmu: saret dina il vara bil flûs ta Carmnu Chetcuti, ġuvni minn ħ'Attard, imrobbi fil biża imkaddes t'Alla, li hu l'akŭa ġid; u minnu in-nifsu miġbud ghat-tieba. Unur cbir taghmel din li statŭa tant lill benefattur chemm ucoll lill'imsemmi Mghallem Ġużè Cilia.

Ŭiċċ San Ġusepp daħcani u donnu gilju li fuku kieghed jilka in-nida tas-sema, malli taraħ tħossoc tingibed lejħ: ħaddejħ donnhom żeŭġ ŭardiet: ghajnejħ żeŭġ cŭiecheb jiddu fis-sema: ġbinu mdaŭŭar bil hena tal Genna: xuxtu u il leħja siŭed: actarx bixla ta kaddis fis-sema: liebes ġmielu: mant culur *braŭn* infurrat biċ-celesti u imżejjen biddeheb, libsa vjola inforrata bil perla itticchjata bid-deheb, f'idu il ŭaħda ghandu il bastun, ħdejħ bil ŭiekfa il Bambin Geżù liebes l'abjad, b'mantell celesti; ŭiċċu ħelu chemm jista icun: xettru u curuna u il Bambin irpużati fuk ras t'Anġlu li taħt riġlejħ ghandu il minghul mghacches: ħdejn riġlu il lemin Cnisja żghira maghmulha bil ghakal: f'collox jidhru il maestrija u il perfezzjoni tas-Sengha: f'chelma ŭaħda, dina il vara ta San Ġusepp ma taghmilx ghajb lil li statŭi l'oħra li igibu illum minn barra. Ġuseppi Cilia hu il veru Artist, u intuħ elf prosit tas-seŭ.

P.B.A.P.

(*) Il Grieghi, il festa tal Ghid il Cbir jaghmluha billi idokku u icantaŭ b'leħen gholi, bħala sinjal ta ferħ u kima lill Cristu Mkajjem mill'imŭiêt, chif ucoll billi jisparaŭ srabat ta mascli u jixilghu żeŭġ ħġejjeġ cbar, ŭaħda nhar Sibt-il-Ghid fil ghaxija, u l'oħra l'ghâda, sbieħ il Ghid, kabel jibda iżernak (*Brand's Popular Antiquities*).

III.

LI SCOLTUR ANTONJU AGIUS.

Dan li scoltur jisthokklu tas-seu it-tifħir tagħna għall ħila, li hua uera u kiegħed juri fix-xogħol tas-sengħa tiegħu. Hua scoltur uisk tajjeb fl'injam, fli stucco u fil gebel; imma f'daun ta' l'aħħar hua tabilħakk ħaġa ta' l'għageb: għaliex, għalchemm għadu ġuvni, hua jtalla' fix-xogħol daks l'akua imgħallem u il ħuejjeġ għallavolja jaħdimhom malajr, dejjem jgibhom seuua u precisi scond ma titlob is-sengħa tiegħu. U xhieda ta dan hija li scultura ta' li stucco u tal gebel, li hua ħadem fil cnisja ġdida tal Marsa. B'din li scultura culħadd baka' sodisfatt u b'leħen uieħed quasi culħadd xiehed, anchi dauc li huma tas-sengħa tiegħu, illi ix-xogħol, li hua ħadem f'din il cnisja, hua opra ta' imgħallem l'iżied capaci. Xhieda oħra ittina li scultura li hua għamel fil faċċata ta' barra tal cnisja parrocchjali ta l'Isla: dan ix-xogħol ħadmu malajr iżied milli chellu jmissu u culħadd ħareġ cuntent uisk biħ. Bakgħu ucoll uisk sodisfatti il Patrijet ta' Santu Uistin mil li scultura, li hua għamel fil capitelli tal campnar tal cnisja tagħhom tar-Rabat; u mix-xogħol ta' li stucco, li għamlilhom fil cnisja tagħhom tal Belt. Dan il ġuvni scoltur ħadem f'bosta bnadijet oħra u dejjem bl'acbar tifħir ta' min iccmandaħ. Forsi ma faħħrux dac li iccmandaħ biex jaħdem fil Parroċċa ta' San Giljan? Forsi ma faħħrux is-Sur G. Grima għal li scultura sabiħa li ħadimlu fil cappella tiegħu taċ-Cimiterju ta' l'Addulurata? Forsi ma faħħruħx bil bosta il pajsani tiegħu għax-xogħol raffinat, li jscolpixxa fil Paroċċa tiegħu tal Birgu?

Jecc cull min kabbdu jaħdem, culħadd faħħru ħafna, iżda aħna iż-Żabbarin b'vuci uaħda infaħħru ix-xogħol tiegħu precis, li hua kiegħed jagħmlilna fin-navati tal Parroċċa tagħna. Jena bħala Żabbari sigur nista' iżied nesamina dina li scultura tiegħu u biha nitgħaxxak ta' cull jum. Certament min ma rax ix-xogħol tiegħu, igħid li jena kiegħed incabbar il ħaġa iżied milli jmissha, imma mux hecc, għaliex jecc uieħed irid jibka' convint minn da' li għedna u fli stess ħin icun irid ikabbdu fix-xogħol, ma għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief l'euuel jesamina ix-xogħlijiet tiegħu li semmejna, u imbagħad, jecc jogħgbuħ, għandu jistaksi lil dauc li jccmandauħ jaħdem, jecc bakgħux tas-seu sodisfatti minnu.

Antonju Agius imbgħad hu ta min ifaħħru, għaliex ħareġ mil li scola tecnica ta' Bormla minn taħt idejn is-Sur Cardona, li għal ħila tiegħu dejjem faħħru u dejjem ippremjaħ sa chemm baka' taħt idejħ.

Fl'aħħar hu ta' min ifaħħru għal prezzijet uisk moderati li jieħu ta' jdejħ. Biex uieħed jara jecc aħniex kegħdin ingħidu is-seuua, għandu jistaksi, nerġgħu intennu, lil min iccmandaħ jaħdem.

Dan li jena għedt fuk li scultur Antonju Agius, mux għax għandi xi interess li ngħeidu, iżda biss għal din ir-ragjuni, għaliex billi fix-xogħol, li kiegħed jagħmlilna fil Parroċċa tagħna, naraħ tant precis u ħabriechi, irrid illi chiecu jcun magħruf minn culħadd sabiex min irid bi prezz uisk moderat scultura sabiħa tant fil gebel chemm ucoll fli stucco u fl'injam, għandu jirricorri għandu.

Sur Direttur, issib haūn geūūa ismi għas-sodisfazzjon tighec.(*)

Żabbari.

(*) Ħallejna dan l'articlu bl'*ortografija* tal chittieb tiegħu, għax, għad li hi ma takbelx ma tagħna, għandha il *metodu* taħħa.

Id-Direzjoni.

IV

*Connaught Hospital.*

Sur Cavalier,

Daūn il ġranet, ntkegħdet *lapida* fil Catidral, ta disinn il ġmiel tiegħu, magħmul mis-Sur Nicola Vassall, ragel għaref li tisthokklu bil jedd collu il kima minn cull-ħadd għad-dehen li biħ jinsab mżejjen.

Din il *lapida* hi ta Monsinjur Decan Dun Vincenz Vassall, D.D., M.V.O., maħduma mil bravu Mgħallem Frangiscu Buħagiar; u cullmin raha ma satax ma ifaħħarx ix-xogħol sabiħ u milkut bir-rekka collha li titlob issengħa: u dan ma satax jonkos, għaliex minn taħt idejn li msemmi Buħagiar ħarġu biż-żejjed xogħlijet—tista tgħid fil Cnejjes ta Malta collha, chif ucoll fiċ-Cimiterju—li jagħmlu tabilħakk għieħ lill'imfaħħar pajjżan tagħna.

Dun Giużepp Farrugia,
*Cappillan.*

L'ICHEL U IX-XORB IŻ-ŻEJJED.

(*jissocta fuk in-numru 56*)

Dac li igħaġġbec, imbgħad, hu l'aptit ta xi nies ta madūar il gvern ta d'aż-żmien. Donnu li ix-xogħol ta ambaxxatur ħdejn il gvern cinis ineħħilec cull biża u ikaūūilec il ħaūsla. Gazzetta minn ta barra ħabbret ftit ilu li l'eūūlieni Segretarju Joung-Lon, tà żmien ilu f'Pechin fatra bil chif lir-rappresentanti tan-nazzjonijet. Il pranzu chien mgħakkad xejn inkas mil għadd sabiħ ta mija u sitta u għoxrin (126) platt differenti.

Id-diplomatici kagħdu fuk il mejjda għall fatra fil għaxra ta fil-għodu u kamu ūara seba' siegħat, jigifieri chif beda iroxx iddlam.

X'ħaūsla irid icolloc fiċ-Cina!

Barra minn daūna iż-żakkekin li semmejna, insibu fil cheffa l'oħra il kies fl'ichel l'iżjed irkik ta Lūigi Cornaru, li fl'aħħar snin ta ħajjtu, (għal chemm ma għâxx mit sena), ma chienx jiecol ħlief żeūġ t'isfra ta bajda culljum, u ir-rkakat li igibulec id-daħc tal miżien ta Santorju, li biħ dan it-tabib imsemmi chien jiżen bir-rekka collha l'ichel tiegħu.

Hu kata ūara ħafna tfittix liema chienet il qūantità ta ichel li chemm chemm tinħtieġ għall gismu biex jibka ħajj; imbgħad, ġagħalhom jagħmlulu siġġu taddirgħajn imūaħħal ma cheffa ta miżjen li chien imdendel mas-sakaf. Meta chien jiecol, chien soltu jokgħod fuk da's-siġġu u malli il miżjen juri li ser imil bit-tokol ta dic il kabda ichel, chien jekaf mill'ichel, icun xaba' jeū ma xabàx, għalavolja icun għadu bil ġugħ.

Fil ġrajja mberfla u li ma tispiċċa katt tal bluha tan-nies tad-dinja, dehru, mbgħad, oħrajn agħar minn daūna u li jaksmuc biddaħc.

Tabib ingliż iūettak li cull xorta ta ichel tati xeħta cbira fuk it-tixjira tal bniedem.

Dana li gej, o karrejja tal *Habib*, hu il mezz li biħ tistgħu tliġġmu chif jogħġobcom ix-xeħta tagħcom: Tridu issiru fuk ruħcom, kalbenin u li ma tkisuha xejn? Culu għal xi xahar laħam tal għendus mgħolli, jeū mixūi. Jecc hu għal kalbcom il cotra tad-dehen u tal ħleūūa f'li mgiba tagħcom, culu (jidhirli li hia ħaġa tkila!) laħam tal majjal. Il għoġla li tcun għadha tal ħalib, iggib għejja u tneħħilec l'almu. Haġa li naraūha cull-jum: ir-rgiel li jiġu msaūūtin min-nisa tagħhom, collha issibhom l'imutu b'lagħbhom nieżel għax-xiūa tal erħa!

Id-draūūa żejjda tal butir tagħmilna rotob; min moħħu itiħ, u jilħaklu, u irid iżommu seūūa u f'ūaktu, għandu jiecol ħafna patata; jecc tridu, mbgħad, issaħħu u iżżommu seūūa moħħcom sa ma issirux xjuħ għacca, ħaddmu ferm il mustarda. U jecc dana collu, ja tūajjba karrejja, jidhrilcom li hu genn, ħuduha mal ūisk imsemmi tabib ingliż, u ma li mfaħħar taljan Dr. Paūlu Grandinetti, li għarrfuna b'daūn il ħafna aħbarijet li ma tantx conna smajna bihom!

(*Jissocta*) G. Micallef-Goggi, p.p.

# Ifthu għajnejcom.

X'jisūa li il Predicaturi, u il Ġurnalisti onesti u il Galantomi collha iħanbku fuk il *Kari ħażin*, u li saħansitra Leūni Tlittax u Piju Għaxra chitbu contra tiegħu, mita il Missierijet u l'Ommijet iħallu f'idejn uliedhom daūc il gażetti b'li stampi tal colur li jiġu mill'Italja cull nhar ta ħadd? Daūc trabocchi tax-xitan! Kalb ħafna ħūejjeġ sbieħ, kalb ħafna xejxi li jagħmlu il boloħ, jitfgħu it-toscu fl'erūieħ! Nhar il ħadd l'ieħor, chien hemm articlu li ūaħħaxni bin-nukkas tal kima għall'Imkaddes Papa. Ifthu għajnejcom. Ibżgħu għal min gibtu fid-dinja!

G. G.

✝

. . . .*Beati mortui qui in Domino moriuntur. . . . opera enim illorum sequuntur illos. . . .*

Itolbu ll'Alla
għar-ruħ imkaddsa tar-Reverendu
PATRI PIETRU GALEA,

tal Frangiscani Osservanti, li, ūara 28 sena fil Missjoni taċ-Cina, fejn, flimchien mal Iskof Piju Vidi, li miet ucoll haūn Malta, bata il martirju għat-tixrid tal Fidi f'Gesù Cristu. Miet chif għâx dejjem: Sacerdot mogħti collu chemm hu ll'Alla u mifrud sa minn ċcunitu mid-dinja. Fil Genna biss sata jitħallas il gid li għamel dan is-Sacerdot Cattolicu lill proxxmu tiegħu: u biż-żejjed ismu biex iūiegeb għall ilsna ħżiena collha.

Itolbu ucoll għar-ruħ għażiża tas-Sur
PIETRU PAŪL FARRUGIA,

li miet, haūn il Belt, nhar l'erbgħa tal gimgħa l'oħra, ūara marda kasira. Għadda żmien tūil impiegat f'li *Stamperija tal Gvern* u chien bil-pjazza.

Is-Sur Farrugia, ragel tal Cnisja u ta mgiba sabiħa ma cull-ħadd, chien il *Procuratur*, nistgħu ngħidu *ir-ruħ* tal Cumpanija ta San Flippu Neri tal Belt, fejn huma msieħbin l'ogħla nies tal Cleru, tan-Nobbiltà u tal Professjoni: u għal dic il Cumpanija chien jaħdem u iħabrec, dejjem ħsiebu fiha. Nitimgħu fil ħniena t'Alla li San Flippu sata jakbeż għaliħ fil ħin tal meūt tiegħu, chif chien jitolbu.

Id-Direzjoni.

Mil Lucerna tal Ħajja.—49. Jecc tħobb biss il min iħobboc u tati biss lil min jatic, xi ħlas icolloc? Ma jagħmlux dan ucoll il midinbin? . . . .

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

**Mistoksija.**

Chif tagħmel biex żeūġ singhi iggibhom għaxra u erbatax iggibhom tletin?... S.S.

It-tūiegiba għall' aħħar MISTOKSIJA chienet:

LA-LA.

Taūha tajjba: mil Belt, ir-Reverendu Sacerdot Dun G.G. (dac li, bl'articoli tiegħu, jaf tant ikiegħed iċ-circu fil bittija), is-Sinjurini Ġuża Borġ-Mallija, Nicolina Pons u Gjulietta Carūana-Callus (nifirħulhom daūn is-Sinjurini li, f'lôc ma icasbru idejhom u ruħhom bir-Rumanzi bla mistħija, igħaddu iż-żmien f'kari xierak—l'articlu ta 'llum, imsejjaħ ix-*Xebbiet*, m'hux għalihom), u is-Sinjuri Carmelu Grixti, P. Camilleri-Bezzina, *Bunfus* u Giuseppi Sciberras—u minn Għaūdex (*ir-Rabat*) C. A. u (*San Laūrenz*) is-Sur E. Grima.